

Dikjarazzjoni mill-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel wara l-ftehim tal-Grupp tal-Euro

Il-ftehim tal-Grupp tal-Euro huwa pass sinifikanti 'l quddiem. Aktar minn nofs triljun euro huma disponibbli biex jipproteġu l-pajjiżi, il-ħaddiema u n-negozji tal-Unjoni Ewropea. B'dan il-pakkett eċċezzjonali ser nerfġu l-piż tal-kriżi flimkien. Dan il-kompromess huwa mmirat lejn sollied minnufih.

Charles Michel, President tal-Kunsill Ewropew

Il-ftehim tal-ministri għall-finanzi jiffoka fuq l-appoġġ għall-ekonomiji tal-Ewropa. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ser jipprovdi appoġġ għal kriżijiet pandemiċi, fil-forma ta' linji ta' kreditu prekawzjonarji.

Imbagħad għandu jiġi stabbilit strument temporanju ta' solidarjetà biex jipprovdi self tal-Unjoni li jingħata b'termini favorevoli lill-istati membri tal-UE bil-għan li jiġu protetti l-ħaddiema u l-impjegji fil-kriżi attwali.

U finalment, il-Bank Ewropew tal-Investment ser jimplementa l-proposta tiegħu biex joħloq fond ta' garanzija pan-Ewropew biex jappoġġa n-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs, matul din il-kriżi.

Ġie maqbul ukoll li jiġi esplorat l-istabbiliment ta' Fond ta' Rkupru temporanju biex jiġi żgurat irkupru ekonomiku robust Ewropew fl-istati membri kollha.

Il-president ser imexxi 'l quddiem din il-ħidma fid-dawl tal-vidjokonferenza li jmiss mal-membri tal-Kunsill Ewropew nhar il-Ħamis, 23 ta' April 2020.

"Issa wasal iż-żmien li titwitta t-triq għal irkupru ekonomiku robust. Dan il-pjan irid iniedi mill-ġdid l-ekonomiji tagħna filwaqt li jippromwovi l-konverġenza ekonomika fl-UE. Hawnhekk il-baġit tal-UE ser ikollu rwol sinifikanti. Flimkien mal-President tal-Kummissjoni, qed naħdem fuq Pjan Direzzjonali u Pjan ta' Azzjoni biex niżgura l-benessri tal-Ewropej kollha u biex inġib l-UE lura għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv ibbażat fuq strateġija ekoloġika u diġitali."

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press